MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 944/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian J.Abdilla)**

**vs**

**Carmelo Tabone**

**Kumpilazzjoni Nru: 944/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Tabone, ta' 48 sena, bin missier mhux maghruf u Maria Tabone nee' Tabone, imwieled tal-Pieta' fit-08 ta' Mejju 1960 u residenti fil-fond numru 114, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 311960(M).

Akkuzat talli:

F'Gunju 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Minghajr licenza moghtija mill-Awtorita' kompetenti ghamel kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta u cioe' sellef flus lil diversi nies u dan bi ksur tal-artiklu 3 tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u lokalitajiet kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u cioe' Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta, jew xjentement kien parti f'ghemil jew pprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll talli sar recediv ghat-termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 3 u 22(1)(3) tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali mghoti ai termini ta’l-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta’ Malta biex jittiehdu l-procedimenti penali odjerni u rat ukoll il-kunsens ta’l-Avukat Generali mghoti ai termini ta’l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta biex dan il-kaz jinstema’ bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semeghet il-provi u t-tratazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi mill-provi jirrizulta li l-investigazzjoni tal-pulizija fil-kaz odjern bdiet wara li kien sar rapport anonimu fil-konfront ta’l-imputat dwar self b’rati ta’ imghaxx gholjin. Il-pulizija tkellmet ma’l-imputat li mill-ewwel ammetta li huwa gieli kien sellef flus lil xi persuni li gew fil-bzonn, persuni li b’xi mod jew iehor kienu jew familjari jew konoxxenti tieghu; huwa anke ta lill-pulizija pitazz fejn kien izomm xi notamenti dwar dan is-self. L-imputat qal lill-pulizija ukoll li huwa ma kienx izomm imghaxx ghal dan is-self pero jekk xi hadd minn dawn il-persuni xtaq jirringrazzjah huwa kien jaccetta dan ir-rigal.  Il-pulizija rrintraccjat xi persuni li kienu imsemmija fil-pitazz u meta mistoqsija dwar is-self huma kkonfermaw dak li qal l-imputat.

Illi dawn il-persuni li gew rintraccjati mill-pulizija tressqu bhala xhieda; kollha ghandhom xi konnessjoni ma'l-imputat fis-sens li jew huma imparentati mieghu, jew hbieb tieghu. Dawn il-persuni kollha ikkonfermaw dak li kienu qalu lill-pulizija u cioe li l-imputat kien sellifhom xi haga tal-flus f'mument tal-bzonn u li ma kienx zammilhom imghaxx fuq l-ammont misluf.

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat b'reati naxxenti mil-Kapitolu 376, l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji. B'mod partikolari qed jigi akkuzat li sellef il-flus lil diversi nies u ghalhekk ghamel kummerc ta'istituzzjoni finanzjarja minghajr licenzja mghotija mill-Awtorita Kompetenti; qed jigi akkuzat ukoll li naqas li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijijet tal-Kapitolu 376 u li kien parti minn eghmil ta' xi reat taht dan l-istess Kapitolu 376. L-imputat gie addebietata ukoll bir-recidiva.

Illi fundamentali ghar-rezoluzzjoni tal-kaz in ezami hija d-definizzjoni tat-terminu "*istituzzjoni finanzjarja*". Fis-sena 2008[1] l-artikolu 2 tal-Kapitolu 376 kien jipprovdi hekk:

*'istituzzjoni finanzjarja' tfsser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew twettaq xi attivita` mnizzla fl-Iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita`…*

Illi dwar din id-definizzjoni l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, wara li ghamlet paragun bejn din id-definizzjoni kif kienet taqra qabel u wara is-sena 2002, qalet hekk:

[1] Fis-sena 2010, permezz ta'l-Att II ta' dik is-sena, din id-definizjoni giet emendata. Id-definizzjoni in vigore fis-sena 2008 hija dik kif emendata permezz ta'l-Att XVII tas-sena 2002.

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn l-ewwel u t-tieni definizzjoni ta' "istituzzjoni finanzjarja" kien hemm biss spostament ta' enfazi: fil-waqt li fid-definizzjoni ta' qabel l-1 ta' Ottubru, 2002 l-enfazi kienet fuq il-fatt li l-attivita` ta' self ta' flus kienet tkun ix-xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, regolari ta' dak li jkun (mhux neccessarjament, pero`, ix-xoghol jew kummerc principali), fit-tieni definizzjoni l-enfazi giet spustata ghall-"frekwenza" -- regolarita` jew abitwalita` -- li biha dak li jkun isellef flus, irrispettivament minn jekk dan isirx bhala xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, ta' dak li jkun. Dak li certament il-legislatur ma riedx li jolqot, sia taht l-ewwel kif ukoll taht it-tieni definizzjoni, huwa lil min jislef il-flus lil haddiehor ghax darba kultant tigih l-okkazjoni li jaghmel hekk; il-legislatur ried, ghal kuntrarju, jolqot lil min jaghmel tali self b'dak il-mod u b'dik il-frekwenza li meta tarah tghid, bejnek u bejn ruhek, "dan sar qisu bank!" Fl-ahhar mill-ahhar, ghalhekk, u fin-nuqqas ta' definizzjoni aktar preciza da parti tal-legislatur, hu rimess ghall-buon sens tal-gudikant biex jara jekk dak li jkun wettaq l-imputat jammontax ghal kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja[2].*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li kien hemm diversi drabi meta l-imputat sellef xi ammont ta' flus lil terzi, pero mill-istess provi jirrizulta li dawn kienu: l-ex mara tieghu li gieli kien jaghtiha xi flus (tramite binthom) meta jkollha xi spejjez li ma tistax tlahhaq maghhom; is-siehba tieghu biex jghinha thallas il-karozza li xtrat u gieli xi kont tal-grocer; persuna li kien ilu jafha snin biex jghinha thallas il-kont tad-dawl u l-ilma; l-gharus ta-tifla biex jghinu jhallas il-karozza; u hu l-gharusa li kellu l-istess imputat li kien ghenu biex ikun jista' jixtri xi xoghol ghall-hanut.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi li fihom sar is-self u r-rabtiet familjari mal-persni li ssellfu minghand l-imputat kif ukoll il-fatt li hadd minnhom ma kien tenut ihallas imghaxx fuq il-kapital misluf ma jistax jinghad li l-imputat kien

[2] Ref Il-Pulizija vs Raymond Bajada deciza5 ta' Novembru 2004.

qed jaghmel kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja jew b’xi mod iehor kiser id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 376; konsegwentement ma jistax jinghad li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet gew pruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni, dwar recidiva, tiddependi fuq sejbin ta’ htija ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra li, pero, ma jirrizultawx, ghalehkk din it-tielet imputazzjoni ma’ tistax tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------